

32005L0091

L 331/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

17.12.2005

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2005/91/KE**tas-16 ta' Diċembru 2005**

li temenda d-Direttiva 2003/90/KE li tistabbilixxi miżuri ta' implementazzjoni għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE fir-rigward tal-karatteristiċi li għandhom jiġu koperti bħala minimu mill-eżami u l-kundizzjonijiet minimi għall-eżami ta' ċerti varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-katalgu komuni ta' varjetajiet ta' l-ispeċi tal-pjanti agrikoli (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) (a) u (b) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/90/KE (²) ġiet adottata biex tiżgura li l-varjetajiet li l-Istati Membri jinkludu fil-katalgi nazzjonali tagħhom jikkonformaw mal-linjiegħida stabbiliti mill-Uffiċċju Komunitarju dwar il-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) fir-rigward tal-karatteristiċi li għandhom jiġu koperti bħala minimu mill-eżami u l-kundizzjonijiet minimi għall-eżami tal-varjetajiet, sa fejn kienu ġew stabiliti linjiegħida bħal dawn. Għal varjetajiet oħra, dik id-Direttiva tipprevedi li għandhom japplikaw il-linjiegħida ta' l-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (UPOV).
- (2) Is-CPVO stabbilixxa minn dak iż-żmien 'l hawn aktar lin-jiegħida għal-ġaddha ta' speċi oħrajn.
- (3) Id-Direttiva 2003/90/KE għandha għalhekk tige emendata skond dan.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tad-Direttiva 2003/90/KE huma sostitwiti bit-test fl-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

Għall-eżamijiet milbdija qabel l-1 ta' April 2006, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw it-test tad-Direttiva 2003/90/KE li japplika qabel l-emenda tiegħi mid-Direttiva preżenti.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom minnufih jadottaw u jippubblikaw, sal-31 ta' Marzu 2006, il-liġiġiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' April 2006.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din dak in-nhar tal-pubblikazzjoni uffiċċiali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir referenza bħal din.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fi Brussell, nhar is-16 ta' Diċembru 2005.

*Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 1 Id-Direttiva kif emendata mir-Regolament (KE) Nru. 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 268, tat-18.10.2003, p. 1).

(²) ĠU L 254, tat-8.10.2003, p. 7.

ANNESS

"ANNESS I

Lista' ta' speċi li għandhom jikkonformaw mal-linjgwida tat-test CPVO

Speċi elenkti fil-Katalgu Komuni	Protokoll CPVO
Piżelli	Piżelli, TP 7/1 tas-6.11.2003
Kolza	Kolza, TP 36/1 tal-25.03.2004
Ćirasol	Ćirasol, TP 81/1 tal-31.10.2002
Ħafur	Ħafur, TP 20/1 tas-6.11.2003
Xgħir	Xgħir, TP 19/2 tas-6.11.2003
Ross	Ross, TP 16/1 tat-18.11.2004
Segala	Segala, TP 58/1 tal-31.10.2002
Triticale	Triticale, TP 121/1 tas-6.11.2003
Qamħ	Qamħ, TP 3/3 tas-6.11.2003
Qamħ durum	Qamħ durum, TP 12/02 tas-6.11.2003
Qamħirrum	Qamħirrum, TP 2/2 tal-15.11.2001
Patata	Patata, TP 23/1 tas-27.3.2002

It-test ta' dawn il-protokolli jinsab fil-websajt tas-CPVO (www.cpvo.eu.int).

ANNESS II

Lista' ta' speċi li għandhom jikkonformaw mal-linjgwida tat-test UPOV

Speċi elenkti fil-Katalgu Komuni	Linjgwida UPOV
Żerriegħa tal-pitravi għall-għalf (Beta vulgaris var. alba)	Żerriegħa tal-pitravi għall-għalf (Beta vulgaris var. alba), linjagwida TG 150/3 ta' l-4.11.1994
Velvet bent	Bent, linjagwida TG/30/6 tat-12.10.1990
Red top	Bent, linjagwida TG/30/6 tat-12.10.1990
Creeping bent	Bent, linjagwida TG/30/6 tat-12.10.1990
Brown top	Bent, linjagwida TG/30/6 tat-12.10.1990
Rescue grass	Rescue grass, linjagwida TG/180/3 ta' l-4.4.2001
Alaska brome-grass	Alaska brome-grass, linjagwida TG/180/3 ta' l-4.4.2001
Sieq is-serdu (Dactylis glomerata L.);	Sieq is-serdu (Dactylis glomerata L.), linjagwida TG/31/8 tas-17.4.2002
Żwien twil	Żwien twil, linjagwida TG/39/8 tas-17.4.2002
Żwien ovin (sheeps' fescue)	Żwien (sheep's fescue), linjagwida TG/67/4 tat-12.11.1980
Żwien tal-bur	Żwien tal-bur, linjagwida TG/39/8 tas-17.4.2002
Żwien aħmar	Żwien aħmar, linjagwida TG/67/4 tat-12.11.1980
Sikrana Taljana	Sikrana, linjagwida TG/4/7 tat-12.10.1990
Sikrana perenni	Sikrana, linjagwida TG/4/7 tat-12.10.1990
Sikrana ibrida	Sikrana, linjagwida TG/4/7 tat-12.10.1990
Timothy	Timothy, linjagwida TG/34/6 tas-7.11.1984
Millieġ (biz-zokk lixx)	Ħuxlief ikħal tal-Kentucky, linjagwida TG/33/6 tas-12.10.1990
Lupina bajda	Lupina bajda, linjagwida TG/66/4 tal-31.3.2004
Lupina kaħla	Lupina kaħla, linjagwida TG/66/4 tal-31.3.2004
Lupina safra	Lupina safra, linjagwida TG/66/4 tal-31.3.2004
Xnien	Xnien, linjagwida TG/6/5 tas-6.4.2005
Silla ħamra	Silla ħamra, linjagwida TG/5/7 ta' l-4.4.2001
Silla bajda	Silla bajda, linjagwida TG/38/7 tad-9.4.2003
Fażola ta' l-għelieqi	Fażola ta' l-għelieqi, linjagwida TG/8/6 tas-17.4.2002
Ġilbiena sewda	Ġilbiena sewda, linjagwida TG/32/6 tal-21.10.1988
Swede	Swede, linjagwida 89/6 ta' l-4.4.2001
Ravanell għall-għalf	Ravanell għall-għalf, linjagwida TG/178/3 ta' l-4.4.2001
Karawett	Karawett, linjagwida TG/93/3 tat-13.11.1985
Lift (turnip rape)	Lift (turnip rape), linjagwida TG/185/3 tas-17.4.2002
Għosfor	Għosfor, linjagwida TG/134/3 tat-12.10.1990
Qoton	Qoton, linjagwida TG/88/6 ta' l-4.4.2001

Speċi elenkti fil-Katalgu Komuni	Linjigwida UPOV
Kittien	Kittien, linjagwida TG/57/6 ta' l-20.10.1995
Xaħxieħ	Xaħxieħ/Peprin, linjagwida TG/166/3 ta' l-24.3.1999
Čargir abjad	Čargir abjad, linjagwida TG/179/3 ta' l-4.4.2001
Sojja	Sojja, linjagwida TG/80/6 ta' l-1.4.1998
Sorgu	Sorgu, linjagwida TG/122/3 tas-6.10.1989

It-test ta' dawn il-linjigwida jinsab fil-websajt ta' l-UPOV (www.upov.eu.int)."
